Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 2026/2000/1

**QORTI CIVILI-PRIM'AWLA**

**IMHALLEF : ONOR. DR GINO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tal-11 ta' Gunju, 2004.**

**Citazzjoni numru 2026/00 GC**

**Anthony Cassar u martu Louise u Carmelo Mallia u martu Frances**

**vs**

**Mario Valentino u George Valentino f'isimhom u ghan-nom**
**u in rapprezentanza ta' Valentino Brothers**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew:-

Illi b'kuntratt pubbliku ippublikat minn Nutar Sandra Valentino datat 7 ta' Lulju 1999, Carmelo u Frances konjugi Mallia u Anthony u martu Louise Cassar ikkostitwew ruhhom debituri lejn Mario Valentino u George Valentino ghan-nom u in rapprezentanza tal-partnership en nom collectif Valentino Brothers;

Illi s-subbasta numru 129/99 fl-ismijiet Mario Valentino u George Valentino ghan-nom u in rapprezentanza tal-partnership en nom collectif Valentino Brothers vs Carmelo Mallia et giet ordnata fuq il-bazi li hemm titlu esekuttiv cioe l-istess kuntratt pubbliku fejn hemm id-debitu cert likwidu u skadut;

Illi Carmelo u Frances konjugi Mallia u Anthony u martu Louise Cassar opponew ghal-din it-talba b' rikors fejn ikkontestaw t-titlu ezekuttiv u talbu ghas-sospensjoni tal-bejgh bis-subbasta tad-dar Louton, Triq Espedito Catania, Zabbar;

Illi l-kuntratt ippublikat minn Nutara Sandra Valentino datat 7 ta' Lulju 1999 huwa null ghar-ragunijiet esposti hawn that u cioe' li skond il-ligi tan-Nutara (Kapitolu 55) in-nutar ma jistax jircievi atti jekk wahda mill-partijiet fl-att hija mart jew in-nutar jew hija mhallta man-nutar direttament jew bi zwieg fil-linja dritta f'kull grad jew fil-linja kollaterali sat-tielet grad inkluzivament;

Illi l-kunsens tal-atturi gie vizzjat peress li kien hemm theddid u minacji daparti ta' Mario Valentino, George Valentino, Peter Valentino, Patrick Valentino u Victor Valentino;

Illi n-nisa tal-atturi Cassar u Mallia ma kienux jafu ghalfejn kienu qed jigu mgieghla jiffirmaw fuq dan l-istess kuntratt;

Ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenuti jghidu ghaliex ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti m’ghandhiex:

[1] tiddikjara li l-kuntratt bejn il-kontendenti fl-atti tan-Nutar Sandra Valentino tas-7 ta’ Lulju, 1999, huwa vizzjat u null u bla effett, kemm minhabba vizzji tar-regoli procedurali u kemm minhabba qerq u vjolenza u dan kollox kif premess;

[2] konsegwentement tannulla u thassar il-proceduri konsegwenzjali tas-subbasta numru 129/99 u dan ghar-ragunijiet premessi;

Bl-ingunzjoni tal-konvenuti, u bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccepit :-

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi Mario Valentino u George Valentino ghandhom jigu liberati mil-osservanza tal-gudizzju personalment stante illi huma ma iffirmaw l-ebda kuntratt tas-7 ta’ Lulju 1999 fl-atti tan-Nutar Sandra Valentino imma l-kostituzzjoni tad-debitu saret mas-socjeta’ en nom collectif Valentino Brothers;

2. Illi fil-mertu u bla pregudizzju ghal-premess, il-partnership en nom collectif Valentino Brothers hija registrata mal-Malta Financial Services Centre u hija persuna separata u distinta mil-komponenti u ghalhekk id-dettami tal-Kap 55 tal-Ligijiet ta’ Malta ma japplikawx ghal-kaz in kwistjoni;

3. Illi bla pregudizzju ghal-premess Mario Valentino u George Valentino huma kwint u kwart kugin rispettivament tar-ragel tan-Nutara Sandra Valentino u ghalhekk ma jaqghux fil-grad li tistipola l-ligi;

4. Illi mhux minnu illi l-kunsens tal-attur gie vizjat minhabba li kien hemm theddid u minacci imma meta

Carmelo Mallia u Anthony Cassar gew rinfaccati b'tape recorder li fiha ammettew li kienu nvoluti f'serqa ta' injam mil-imhazen tas-socjeta konvenuta huma gew mkeccija mil-kumpannija;

5. Illi l-atturi ammettew id-debitu taghhom fil-prezenza tal-konvenuti u tal-Avukat Dottor Edward DeBono fis-7 ta' Lulju 1999 fl-ufficju tas-socjeta konvenuta u waqt li s-socjeta konvenuta insistiet li d-debitu kien akbar minn dak ammess mil-atturi, d-diretturi ta' Valentino Brothers iddecidew li ghandhom inaqqsu il-pretenzjoni taghhom ghal dak minnhom ammess;

6. Illi n-Nutara Sandra Valentino kienet marret fid-dar ta' residenza sija ta' Mallia u Cassar kellmet personalment lin-nisa taghhom spjegatilhom l-effetti tal-prokura generali li huma kienu ser jaghtu lil zwieghom kif ukoll talbithom jidhru fuq l-att ta' kostituzzjoni ta' debitu pero' huma ma riedux u dan wara li zwieghom qalulhom bil-frodi u serq li kienu ghamlu mill-imhazen tal-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti kollha debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet il-partijiet u x-xhieda minnhom prodotti;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi u n-nota responsiva tal-konvenuti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Mejju 2004;

Ikkonsidrat:

Fic-citazzjoni l-atturi jghamlu referenza ghall-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Sandra Valentino datat 7 ta' Lulju 1999 li permezz tieghu l-atturi kienu kkostitwew ruhhom veru u certi debituri tas-socjeta konvenuta "en nom collectif" Valentino Brothers. L-atturi jippremettu ukoll li a bazi tal-imsemmi kuntratt, bhala titolu esekuttiv, is-socjeta konvenuta pprocediet kontra taghhom sabiex jinbiegh fond gewwa Haz-Zabbar. L-atturi qed jopponu dan il-bejgh

u qed jikkontestaw l-imsemmi titolu ezekuttiv. L-atturi qed isostnu li l-imsemmi kuntratt tas- 7 ta’ Lulju 1999 hu null peress li nutar ma jistax jircievi att jekk wahda mill-partijiet fl-istess att tigi minnu u f’dan il-kaz in-nutar in kwestjoni hi mart wiehed mill-azzjonisti tas-socjeta konvenuta. F’dan ir-rigward l-atturi ghamlu referenza ghall-provedimenti tal-Kapitolu 55 tal-Ligijiet ta’ Malta;

L-atturi jippretendu ukoll li l-istess att hu null peress li l-kunsens taghhom ghar-rigward tal-istess att kien vizzjat stante li kien hemm theddid u minacci da parti tad-diretturi tas-socjeta fil-konfront tal-atturi. Barra minn hekk in-nisa tal-atturi ffirmaw prokura a favur ta’ zwieghom sabiex dawn setghu jidhru ghalihom fuq l-imsemmi kuntratt pero’ l-atturi jsostnu li l-atturi nisa ma kienux jafu ghalfejn huma ffirmaw tali prokura u fil-fatt l-istess nisa atturi kienu gew imgieghla jiffirmaw l-istess prokura. Ghalhekk l-atturi qed jitolbu li jigi dikjarat li l-kuntratt in kwestjoni tas-7 ta’ Lulju 1999 hu vizzjat u null u bla effett u konsegwentement jigu annullati u mhassra l-imsemmija proceduri tas-subbasta li huma konsegwenzjali ghall-imsemmi kuntratt;

Il-konvenuti f’dawn il-proceduri, oltre l-imsemmija socjeta “en nom collectif” Valentino Brothers, huma Mario Valentino u George Valentino personalment. Jidher li dawn tal-ahhar gew imharrka anke fil-vesti taghhom personali stante li kienu huma li deheru fuq il-kuntratt in kwestjoni ghan-nom tas-socjeta u jidher ukoll li l-atturi qed jallegaw li kienu l-imsemmija konvenuti li heddew u mminaccaw lill-atturi sabiex dawn jiffirmaw il-kuntratt in kwestjoni;
Fl-ewwel lok il-konvenuti jecepixxu li l-imsemmija konvenuti personalment ghandhom jigu liberati mil-osservanza tal-gudizzju stante illi huma personalment ma kienux parti fil-kuntratt in kwestjoni. Fil-mertu il-konvenuti jeccepixxu li s-socjeta Valentino Brothers ghandha personalita’ guridika separata u distinta mill-azzjonisti taghha u ghalhekk il-provedimenti tal-Kapitolu 55 tal-Ligijiet ta’ Malta ma japplikawx f’dan il-kaz. Il-konvenuti Mario Valentino u George Valentino huma kugini fil-boghod tar-ragel tan-Nutara Sandra Valentino u konsegwentement ma jaqghux fil-grad li trid il-ligi. Il-

konvenuti inoltre jeccepixxu li mhux minnu illi l-kunsens tal-atturi gie vizjat b'theddid u minacci u li l-atturi ammettew id-debitu in kwestjoni. Jeccepixxu ukoll li qabel ma n-nisa tal-atturi ffirmaw il-prokura gie spjegat lilhom x'kienu qed jiffirmaw minn Nutar;

Mill-provi jirrizulta li l-atturi rgiel kienu impjegati mas-socjeta konvenuta. L-istess atturi rgiel, wara li gew rinfaccjati b'certu evidenza, kienu ammettew li huma kienu serqu materjal, b'mod partikolari injam, li kien jappartjeni lill-istess socjeta konvenuta. Dan wassal sabiex gie pubblikat il-kuntratt in kwestjoni cioe' dak pubblikat minn Nutar Sandra Valentino fis-7 ta' Lulju 1999. B'dan il-kuntratt l-atturi, Carmelo u Frances konjugi Mallia u Anthony u martu Louise Cassar, ikkostitwew ruhhom debituri lejn is-socjeta en nom collectif Valentino Brothers fis-somma ta' seba u ghoxrin elf liri maltin (Lm27,000). A bazi ta' dan il-kuntratt l-imsemmija socjeta pprocediet bis-subbasta numru 129/99 kontra l-atturi sabiex tinbiegh xi propjeta f'Haz-Zabbar;

Kif gia gie rilevat l-atturi jippretendu li l-imsemmi kuntratt hu null u dana ghal diversi ragunijiet. Huma jippretendu li l-kuntratt hu null peress li skond il-Kapitolu 55 tal-Ligijiet ta' Malta nutar ma jistax jircievi atti jekk wahda mill-partijiet fl-att hi mhallta man-nutar mid-demm jew bi zwieg sa certu grad u cioe fil-linja dritta f'kull grad jew fil-linja kollaterali sat-tielet grad inkluzivament;

Inoltre huma jippretendu li l-imsemmi att hu null anke in vista tal-fatt li l-kunsens tal-atturi kien gie vizzjat peress li kien hemm theddid u minacci daparti ta' Mario Valentino, George Valentino, Peter Valentino, Patrick Valentino u Victor Valentino. L-atturi jippretendu ukoll li l-ammont li hu effettivament dovut hu ferm inqas minn dak li hu indikat fil-kuntratt. L-atturi fl-ahhar nett jippretendu li n-nisa tal-atturi li taw prokura lill zwieghom in effett ma kienux jafu x'qed jiffirmaw;

Dawn il-pretensjonijiet kollha tal-atturi ma jirrizultawx sufficjentement pruvati;

Il-kostituzzjoni tad-debitu da parti tal-atturi saret a favur tas-socjeta “en nom collectif” Valentino Brothers. Skond il-ligi din is-socjeta ghandha personalita’ guridika ghaliha u li hi distinta u separata minn dik tal-membri tas-socjeta. Ghalhekk ma jistax jinghad li s-socjeta in kwestjoni hi b’xi mod imhallta man-nutar li rcieva u ppubblika l-att in kwestjoni. Lanqas ma gie pruvat li r-ragel tan-nutar li ppubblikat l-att in effett hu wiehed mill-membri tas-socjeta konvenuta. Hu minnu ukoll li l-membri tas-socjeta jistghu jkunu finalment personalment responsabbli ghad-debiti tas-socjeta. Dan pero’, guridikament, ma  jbiddel xejn ghar-rigward tal-fatt jekk il-kuntratt in kwestjoni setghax jigi pubblikat minn nutar li effettivament ippubblikah;

Hu evidenti li l-atturi jghatu versjoni kompletament differenti ta’ kif svolgew l-eventi u l-fatti li wasslu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt, mill-versjoni li joffru l-membri u ufficjali ohra tas-socjeta konvenuta. Il-Qorti hasbet fit-tul dwar dan kollu u esaminat bir-reqqa l-provi f’dan ir-rigward. Li hu zgur hu li l-atturi ma wasslux ghal dak il-grad tal-provi fejn jista jinghad li l-pretensjonijiet taghhom gew sufficjentement pruvati. Anzi, jista jinghad, li l-versjoni tal-konvenuti hi aktar verosimili u kredibbli;

Jidher li l-atturi, wara li ammettew dak li kienu ghamlu u wara li wasslu ghac-cifra li hi indikata fil-kuntratt, u meta raw li kienet ser tinghata esekuzzjoni lill-kuntratt, riedu b’xi mod imorru lura u jhassru dak li kien sar regolarment u legittimament. In effett sabiex l-attur bdew dawn il-proceduri huma stennew aktar minn sena minn meta gie pubblikat l-att notarili. L-atturi stennew sakhemm is-socjeta konvenuta bdiet tagixxi kontra taghhom a bazi tal-istess kuntratt;

L-atturi jghamlu hafna allegazzjonijiet, fosthom li huma sabu ruhhom ristretti fil-movimenti taghhom minhabba l-agir tal-konvenuti. L-atturi pero’ naqsu li f’dan ir-rigward milli jghamlu rapporti “a tempo vergine” lill-Awtoritajiet kompetenti;

Ma jirizultax li l-kunsens tal-atturi gie vizjat minhabba theddid u minacci. F’dan ir-rigward jirrizulta li l-atturi, meta

rinfaccjati b'certa evidenza, ammettew li kienu ghamlu snin shah jisirqu injam u materjal iehor li kien jappartjeni lill-imsemmija socjeta, li maghha huma kienu impjegati. Ghalhekk huma gew imkeccija mill-imsemmi impieg taghhom u kkostitewew ruhhom debituri tas-socjeta fis-somma gia indikata;

Is-socjeta konvenuta kienet qed tippretendi li l-valur tal-injam involut kien akbar pero' finalment gie accettat mill-partijiet kollha l-ammont li tnizzel fil-kuntratt. Fil-kors ta' dawn il-proceduri l-atturi rgiel regghu ammettew li kienu hadu "bundles" ta' injam proprjeta tas-socjeta konvenuta. Fl-affidavit taghhom l-atturi rgiel jghidu li huma ma qabblux mas-somma li hi indikata fil-kuntratt pero' huma ma jghatu ebda spjegazzjoni ghala huma xorta wahda iffirmaw il-kuntratt. Inoltre fl-istess affidávit taghhom huma bl-ebda mod ma allegaw li kienu saru xi minacci jew theddid fil-konfront taghhom;

Hu ukoll normali li fil-kuntest kif kienu qed jislvolgu l-affarijiet jissemma li kien ser isir rapport lill-Pulizija u x'setghu kienu l-konsegwenzi ta' tali rapport. Mhux verosimili li l-atturi ma kienux jafu kemm kienet is-somma li kienet indikata fil-kuntratt. In effett l-attur Mallia ddepona li jiftakar li kienet issemmiet is-somma li eventwalment tnizzlet fil-kuntratt. Inoltre l-istess attur Mallia kkonferma li qabel ma gie ffirmat il-kuntratt in kwestjoni n-nutar qrat il-kontenut tal-istess kuntratt;

Jirrizulta ukoll li lin-nisa tal-atturi kien gie spjegat ghaliex kienu qed jiffirmaw il-prokura a favur tal-irgiel taghhom u ghalhekk kienu jafu x'qed jiffirmaw meta iffirmaw l-istess prokura. In effett jirrizulta li n-Nutar spjegat lill-imsemija nisa qabel ma iffirmaw il-portata u l-effetti tal-prokura. Difatti l-attrici Frances Mallia ammettiet li n-nutar kellmitha u qratilha dokument. Jidher li hu xi ftit konvenjenti li issa n-nisa tal-atturi jigu jghidu li ma jafux x'iffirmaw u li huma qabdu u iffirmaw skond kif qaltilhom in-nutar. Jigi rilevat li jirrizulta li l-attrici Louise Cassar ammettiet li, wara li gie iffirmat l-att notarili in kwestjoni, rringrazzjat lill-wiehed mill-konvenuti ghal kif kienu svolgew l-affarijiet in konnessjoni mal-pubblikazzjoni tal-istess att notarili;

Jirrizulta ukoll li l-atturi konjugi Cassar kellhom l-opportunita' li jitkellmu bejnithom qabel ma giet iffirmata l-prokura. Jirrizulta ukoll li l-attur Carmelo Mallia lill martu kien qalilha biex tiffirma l-prokura. Huwa kkonferma ukoll li n-Nutar kienet qratilha lill-martu l-kontenut tal-prokura;

Fid-dawl ta' dan kollu t-talbiet attrici ghandhom jigu rigettati mentri l-eccezzjonijiet tal-konvenuti ghandhom jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u billi fit-tieni lok tichad it-talbiet kollha attrici u tillibera l-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju;

Spejjez kollha kontra l-atturi.

Imhallef

Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------